**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**<u>Rikors Guramentat Nru: 81/23 AGV</u>**

**KB**
**Vs**
**RB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta'  KB  tal-4 t'April 2023 li fih ppremetta u talab is-segwenti:**

<< Omissis >>

1. Tiddikjara u tippronunzja separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-intimata  RB ;

2. Tiddikjara x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet , okkorendo bl-opera ta' perit nominansi, u konsegwentament takkorda lil kull parti s-sehem taghhom mill-assi formati l-istess komunjoni u mhux bil-fors f`sehem isdaqs bejniethom; u billi wkoll tigi stabbilita data li mnn dakinhar l-intimata titieqes li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorreti u dan kollu okkorrendo bl-opera ta perit nominandi;

3. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jibqa jghix fid-dar matrimonjali , u dan ad eskluzjoni tal-intimata;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' RB tal-21 ta' Gunju 2023 li in linea preliminari eccepiet:**

*Illi in linea preliminari, l-esponenti tqajjem in-nullita` tal-azzjoni kif proposta mill-attur ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) u l-irritwalita` tal-procedura adoperata minnu stante li l-istess attur ma kellux id-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex jipprocedi b'kawza ta' separazzjoni, u dan in vista tal-fatt li huwa intavola proceduri godda ta' medjazzjoni fl-ismijiet KB vs RB (Ittra Numru 83/2023JPG) meta l-procedura ta' medjazzjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet RB vs KB (Ittra Numru 302/2022)*

*kienu ilhom li inghalqu mit-13 ta' Marzu 2022 u l-esponenti kienet diga' pprocediet b'kawza fl-ismijiet RB vs KB (Rikors Guramentat Numru 147/2022AGV) filwaqt li l-attur ma ressaq ebda kawza u lanqas intavola risposta guramentata fil-kawza intavolata mill-esponenti.*

<< Omissis >>

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tat-3 ta' Lulju 2023.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din hija sentenza limitatament moghtija fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa minn R B . Bhala fatti jidher li ma hemmx kontestazzjoni. Il-partijiet kellhom medjazzjoni bin-numru 302/22, li kienet inghalqet u z-zewg partijiet kienu awtorizzati jipprocedu b'kawza entro t-terminu ta' xaharejn skond il-ligi. R B kienet fil-fatt mexxiet l-azzjoni taghha (Rik 147/22), ghal liema azzjoni KB ma kienx wiegeb u kien gie dikjarat kontumaci. L-istess K B sussegwentement fetah medjazzjoni ohra bin-numru 83/23, liema medjazzjoni giet dikjarata maghluqa, minghajr ma kien hemm awtorizzazzjoni tal-Qorti biex l-istess KB jipprocedi b'kawza.

Illi ghalhekk, RB ressqet din l-eccezzjoni preliminari li qed tigi esaminata f'din is-sentenza.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler noe** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-11 ta' Marzu, 1949:

*"Illi huwa tajjeb li jinghad, bhala osservazzjoni ta' indoli generali, li n-nullitajiet jistghu jew ikunu dikjarati "expressis" mil-ligi, jew ma jkunux hekk dikjarati; f'liema tieni ipotesi timponi ruhha r-ricerka. Ma ghandux jintnesa li bhala regola generali l-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux l-istess nullitajiet, anzi jippropendu ghat-tezi kemm jista' jkun tal-validita' ta' l-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Il-koncetti rigoruzi tad-Dritt Ruman "in subjecta materia" kwindi ma jistghux ikunu akkolti b'favur, il-ghaliex fid-Dritt Modern il-procediment huwa divers, b'mod li l-espressjoni ta' dak id-Dritt li r-Rumani holqu, ma jistax jifforma aktar ir-regola li ghandha tkun segwita, kif ighid l-istess* **Mattirolo** *fil-paragrafu 20, wara l-paragrafu 19, Volum V tat-trattat tieghu....Jinghad ukoll, li anki kieku nullita' tigi dikjarata mil-ligi, hija ma topera qatt wahedha b'mod li b'hekk, f'kaz ta' sentenza, "motu proprio" tnaqqas il-karattru ta' gudikat lis-sentenza; ghaliex ghal daka l-fatt huwa mehtieg li dik n-nullita' tkun proposta mill-interessat jew interessati fiz-zmien utili u b'wiehed mill-mezzi li trid u biss tirrikonoxxi l-ligi, u mill-awtorita' kompetenti, sabiex sentenzi nulli jkunu operati, u sabiex b'hekk tigi proklamata l-gustizzja (***Mattirolo***, Vol. V, idem tractatus, paragrafu 19)."*

Illi fl-Appell fl-ismijiet **Vella vs Cefai**, deciz fl-4 ta' Novembru 1991 gie ritenut illi:

*"Il-Qorti tqis li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' atti hija waħda ġeneralment meqjusa bħala odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullità għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

**Fatti Rilevanti ghall-Eccezzjoni Preliminari**

Illi bhala stat ta' fatt jirrizulta u mhux kontestat, li l-partijiet kienu ghaddejjin minn proceduri ta' medjazzjoni bin-numru 302/22, liema proceduri inghalqu fit-13 ta' Marzu 2022 u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat. Illi jirrizulta li fil-fatt RB intavolat ir-rikors guramentat bin-numru 147/22, liema gie debitament notifikat lil KB u ghal-liema ma intavolax risposta guramentata.

Illi sussegwentement, b'rikors tad-19 t'Ottubru 2022, f'dawk il-proceduri, K B ittenta jiggustifika l-kontumacja tieghu, b'dana illi b'sentenza tal-14 ta' Dicembru 2022, l-istess talba giet michuda.

Illi jirrizulta mill-atti, li KB intavola medjazzjoni gdida bin-numru 83/23 nhar l-24 ta' Jannar 2023, liema medjazzjoni inghalqet b'digriet tas-6 ta' Marzu 2023. Fl-imsemmi digriet KB bhala stat ta' fatt **ma giex awtorizzat jipprocedi bir-rikors guramentat**.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-Avviz Legali 397/2003, ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Çivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali) u Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), precizament ir-regolament 7(1) tal-istess, jghid hekk:

> *"**Meta l-Qorti tkun awtorizzat** lil xi wiehed mill-konjugi jipprocedi b'kawza ghal firda personali, kull parti tista' tibda l-proceduri fi zmien xahrejn jew f'dak iz-zmien itwal skond ma' l-Qorti tista' tistabbilixxi ghal xi raguni gravi."* (enfasi mizjuda)

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta b'mod car li bid-digriet taghha tas-6 ta' Marzu 2023, il-Qorti m'awtorizzatx lir-rikorrent KB sabiex jipprocedi bir-rikors guramentat, izda semplicement ghalqet il-medjazzjoni.

Illi ghalkemm l-abbli avukat tar-rikorrent fit-trattazzjoni ghamel accenn ghall-artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament ghall-fatt li l-eccezzjoni ta' nullita` ta' atti gudizzjarji ma tkunx tista' tinghata jekk tali nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi; huwa naqas milli jaccenna taht liema ligi skontu jista' jissewwa' n-nuqqas ta' KB.

Illi bhala stat ta' fatt KB qatt ma inghata l-awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi bir-rikors guramentat u dan wara li l-Qorti li tat l-istess digriet rat li diga' kien hemm kawza pendenti bejn l-istess partijiet; u ghalhekk mhux il-kaz, li n-nuqqas u/jew vjolazzjoni huwa wiehed li jista' jissewwa'.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015 fl-ismijiet "**Vassallo Concrete Services Limited vs Direttur Generali (Kuntratti) et**." fejn gie dikjarat illi:- *".....huwa pacifiku li biex azzjoni gudizzjarja tkun valida tehtieg li din tissodisfa r-rekwiziti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta' konformita` ma' dawn ir-rekwiziti jgib in-nullita` tal-istess att."*

Illi mis-segwenza tal-fatti kif graw, u kif jirrizultaw mill-atti innifishom, jirrizulta li dak li l-attur ittenta jaghmel meta intavola ittra ta' medjazzjoni mill-gdid, kien, li b'xi mod isewwi ghan-nuqqas tieghu meta gie dikjarat kontumaci fil-kawza li giet intavolata fl-ismijiet inversi. Din il-Qorti ma

tista’ qatt tkun komplici f’dan it-tghawwig ta’ proceduri li jmur kontra l-ordni pubbliku, jista’ jwassal ghall-multiplicita` ta’ proceduri u anke abbuz.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rikors guramentat huwa tassew nieqes minn partikolarita’ espressament imsemmijja fil-ligi u b’hekk ghandu jitqies null ai termini tal-artikolu 789 (1) (d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ RB u tiddikjara illi r-rikors guramentat odjern huwa null u irritwali u konsegwentement qed tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess u tordna l-kancellament taghha minn fuq il-lista tal-kawzi.

Bl-ispejjez a karigu ta’ KB.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**